MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2013

Talba Numru. 87/2013

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**vs**

**Charlie FARRUGIA [ID. Nru. 492478(M)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-26 ta' Frar, 2013** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elf hames mija u dsatax-il euro u disgha u hamsin ċenteżmu ta' euro [€1,1519.59c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta' elf hames mija u dsatax-il ewro u disgha u hamsin centezmu (€1519.59c) in konnessjoni ma' Laptop Connect (AC51013548) u li jinkludi HP Compaq 610 u internet key Bandluxe C270, u dan skont kuntratt tal-10 ta' Jannar 2010.

Illi s-somma ta' elf hames mija u dsatax-il ewro u disgha u hamsin centezmu (€1519.59) fuq indikata hija komposta minn sitt mija tnejn u erbghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€642.59) dovuti in konnessjoni mas-servizz u dan skont Dokument B anness, flimkien ma tmien mija sebgha u sebghin Ewro (€877) bhala penali skont Dokument C anness.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 377/12".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fis-6 ta' Marzu, 2013 skond il-ligi, ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-10 ta' April, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar l-10 ta' April, 2013 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf hames mija u dsatax-il euro u disgha u hamsin ċenteżmu ta' euro [€1,1519.59c], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------